MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 58/2008

**Carmelo sive Charles Ellul Sullivan**
**Andrew Ellul Sullivan**

vs

**Avukat Generali u Registratur tal-Qrati,**
**u Kummissarju tal-Pulizija u**
**Direttur tal-Habs**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fil-5 ta' Dicembru, 2008, li *in forza* tieghu r-rikorrenti, wara li ppremettew :

Illi l-esponenti kienu gew akkuzati fis-6 ta' Frar 1992 inter alia bir-reati ta' falsifikazzjoni, frodi u evazjoni ta' dazju u dan matul l-ahhar sentejn qabel is-6 ta' Frar 1992;

Illi b'sentenza taghha tad-9 ta' April 2001 l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat, illum Imhallef, Dr. Noel Cuschieri l-esponenti kienu gew misjuba mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha lilhom addebitati;

Illi b'sentenza tal-20 ta' Marzu 2003 l-Qorti tal-Appelli Kriminali presjeduta mill-Imhallef Dr. Joseph Galea Debono kienet, fuq appell intavolat mill-Avukat Generali, filwaqt li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali in kwantu kienet sabet lill-esponenti mhux hatja tal-akkuzi ravvisati fl-Artikolu 60(a)(b), 62(a)(b)(c)(e) u (h) tal-Kap. 37, tal-akkuzi ravvisati fl-Artikoli 167 u 172 tal-Kap. 9 u tal-akkuzi kollha ravvisati fl-Att XXXI tal-1989, irrevokat l-istess sentenza fil-kumplament taghha u minflok sabithom hatja tal-akkuzi ravvisati fl-Artikolu 62(f)(g)(i)(k) u (m) tal-Kap. 37 u f’dawk ravvisati fl-Artikoli 169 u 308 tal-Kap. 9;

Illi konsegwenza tas-sejbien ta' htija kif fuq premess l-esponenti gew ikkundannati ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospiza ghall-erba snin ghall-ksur tal-ligi kontemplat fl-akkuzi li jaqghu taht l-Artikoli 169 u 308 tal-Kap. 9;

Illi inoltre ghall-ksur tal-ligi kontemplat l-Artikolu 62 tal-Kap. 37 l-esponent Carmelo sive Charles Ellul Sullivan kien ikkundannat ghall-hlas ta' multa ta' sitt mija u sittax-il elf sitt mija u tlieta u tmenin liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm616,683.43) cioe' miljun erba' mija u sitta u tlettin elf erba' mija u hamsa u tmenin Euro u tmienja u disghin Euro centezmu (€1,436,485.98) filwaqt li ghall-ksur tal-istess disposizzjoni tal-ligi l-esponent Andrew Ellul Sullivan gie kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' miljun tnax-il elf mitejn u sebgha u erbghin liri Maltin u ghaxar centezmi (Lml,012,247.10) cioe' zewg miljuni tlett mija u sebgha u hamsin elf disa' mija u wiehed Euro u sebgha u erbghin Euro centezmu (€2,357,901.47) b'dana illi terz minn kull ammont rispettiv dovut minn kull wiehed miz-zewg esponenti jitqies bhala dejn civili li huwa dovut lill-Gvern ta' Malta;

Ilii fit-termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 l-esponenti gew moghtija l-fakolta li jhallsu l-ammont rispettiv minnhom dovut fi zmien sitta u tlettin xahar u dana permezz ta' rati mensili pagabbli fl-20 jum ta' kull xahar, u fin-nuqqas ta' pagament wiehed l-ammont shih li jkun fadal jithallas minnufih u fin-nuqqas ta' tali hlas il-multa tigi konvertita fi prigunerija skond il-ligi;

Illi fit-22 ta' Awissu, 2008 l-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali presjeduta mill-Eccellenza tieghu ii-Prim Imhallef Vincent Degaetano LL.D. b'digriet taghha, wara li rat l-Artikolu 11 tal-Kodici Kriminali kif kien fi zmien tar-reat, kkonvertiet il-multa imposta fuq l-esponenti fi tmintax il-xahar prigunerija;

Illi il-konversjoni ta' din il-multa fi prigunerija kif fuq inghad sar wara rikors tar-Registratur tal-Qrati li gie ppresentat fit-25 ta' April, 2003 fejn gie rilevat li l-esponenti gew moghtija l-fakulta li jhallsu l-multa fuqhom nflitta b'rati mensili pero mill-imsemmija somma kienu ghadhom ma hallsu xejn u ghalhekk talab li l-multa inflitta fuq l-esponenti tigi mill-Qorti kkonvertita fi prigunerija kif hemm provdut fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Kriminali u dan taht dawk il-provvedimenti li l-Qorti jogghobha timponi;

Illi dan ir-rikors gie differit ghall-diversi drabi u dan billi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili u sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali kienu ssosspendew l-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza stante allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali li kienu ghadhom pendenti quddiem il-Qorti;

Illi fil-fatt is-sospenzjoni giet mitluba b'rikors ppresentat fis-7 ta' April, 2003 liema rikors gie dekretat fil-25 ta'April, 2003;

Illi Il-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet din il-kawza fit-18 ta' Gunju, 2008 u fost hwejjeg ohra ordnat li;

“Oltre dan il-kumpens finanzjarju, kwantu ghall-appellanti Andrew Ellul Sullivan u Carmel sive Charles Ellul Sullivan, fis-sens fuq spjegat, u bhala kumpens addizzjonali ghall-istess dewmien, din il-Qorti tordna riferibbilment ghad-dispozittiv tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali tal-20 ta' Marzu 2003, li ma jiddekorru ebda imghaxxijiet mid-data ta' dik is-sentenza sal-lum, fuq il-multi inflitti f’dik is-sentenza u senjatament fuq l-ammont li f’dik is-sentenza gie dikjarat bhala dejn civili dovut lill-Gvern; tordna wkoll li l-koncessjoni maghmula lill-appellanti biex ihallsu l-ammont imsemmi fl-istess sentenza fi zmien sitta u tlettin {36) xahar, f’rati mensili pagabbli fl-20 ta' kull xahar, ghandhom jibdew jiddekorru b'effett mill-20 ta' Lulju 2008 u bl-istess kundizzjonijiet l-ohra li jissemmew fl-imsemmi dispositti v ta’ l-istess sentenza.”

Illi bhala konsegwenza ta' dan huwa evidenti li sad-data tat-22 ta' Lulju, 2008, l-esponenti ma setghux jigu inkulpati bl-ebda nuqqas fil-hlas tal-multa;

Illi inoltre fil-kors tas-smiegh tal-fuq imsemmija kawza "Ellul Sullivan v. Kummissarju tal-Pulizija" b'nota tad-29 ta' Novembru, 2004 (kopja tal-verbal relattiv ghal-liema hi hawn esebita u mmarkata bhala Dokument A) l-Eccellenza tieghu il-Prim' Imhallef Vincent DeGaetano kien astjena milli jiehu konjizzjoni tal-kawza billi hu kien agixxa ta' prosekutur fir-rigward tal-esponenti meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali u meta l-kawza kriminali kienet pendenti kontra taghhom;

Illi meta kien qieghed jistghema r-rikors ghall-konversjoni tal-imsemmija multa fi prigunerija l-esponenti kienu issolevaw din il-materja imma l-Qorti kienet irritjeniet li ma kien hemm l-ebda lok li hija ma tiehux konjizzjoni tal-kawza billi din kienet titratta dwar esekuzzjoni ta' sentenza;

Illi l-esponenti jissottomettu bir-rispett li b'dan il-mod gie vjolat d-dritt taghhom ghall-smiegh xieraq kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan billi la darba l-Prim' Imhallef Vincent DeGaetano kien fit-termini minnu stess espressi

f’konjizzjoni tal-kawza billi hu kien agixxa ta' prosekutur fir-rigward tal-esponenti meta huwa kienu jokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali u meta l-kawza kriminali kienet pendenti kontra taghhom, bl-istess mod u minhabba dan il-fatt ma kienx persuna imparzjali biex jippresjedi fil-proceduri li wassal ghall-konversjoni tal-multa imposta fuq l-esponenti fi prigunerija;

Illi inoltre l-esponenti ma rcevewx smiegh xieraq ghaliex l-unika akkuza ta' liema kellhom jirrispondu u dak li kien jidher mir-rikors ppresentat fil-konfront taghhom mir-Registratur kienet l-allegazzjoni li ma kienux hallsu r-rati mensili dovuti sad-data tal-presentata tar-rikors u cioe' t-23 ta' April, 2008. Ma kien hemm l-ebda allegazzjoni ohra kontenuta f’dak ir-rikors. Ghalhekk l-esponenti gew mgieghla jirrispondu ghall-kwistjoni u cioe' nuqqas ta' hlas presumibbilment f’Awwissu, 2008 dwar liema ma kien hemm l-ebda allegazzjoni jew talba mir-Registratur tal-Qorti fir-rikors;

Illi ghalhekk huwa car li l-esponenti ma nghatawx smiegh xieraq kif trid il-ligi u l-Konvenzjoni;

Illi inoltre l-esponenti qieghdin presenzjalment jiskontaw piena ta' prigunerija u gew mgharrfa li d-data tar-rilaxx taghhom sejra tkun fi zmien massimu ta' tmintax (18) - il xahar minghajr ebda possibilita ta' tnaqqis minhabba fix-xoghol li jaghmlu u l-imgieba taghhom waqt li jkunu qieghdin jiskontaw tali piena;

Illi in effetti l-intimat Direttur tal-Facilita Korettiva ta' Kordin qieghed jikkontendi li r-regolament 14 tal-A.L. 118/95 kif emendat intitolat Regolamenti tal-Habs mhuwiex applikabbli ghall-kaz ta' persuni li jkunu qieghdin jiskontaw piena ta' prigunerija wara li l-multa fuqhom inflitta tkun giet ikkonvertita fi prigunerija;

Illi pero bid-dovut rigward tali distinzjoni ma tohrogx la mid-dicitura ta' dawn ir-regolamenti u lanqas mill-ispirtu taghhom. In effetti ebda distinzjoni ma ssir f’dawn ir-regolamenti bejn prigunier li jkun qed jiskonta piena ta' prigunerija ghax il-piena imposta fuqu kienet ab initio

wahda ta' prigunerija u prigunier li jkun qed jiskonta piena ta' prigunerija hekk ikkonvertita fi prigunerija wara n-nuqqas ta' hlas ta' xi multa;

Illi tabilhaqq lanqas l-Artikoli 11, 14 u 29 tal-Kap. 9 ma jaghmlu tali distinzjoni u jitkellmu fuq konverzjoni konsegwenza ta' nuqqas ta' hlas f'detenzjoni jew prigunerija skond ma jkun il-kaz u f'dan il-kaz, tenut kont l-ammont dovut u l-perijodu li jrid jigi skontat f'kaz ta' nuqqas ta' hlas, l-konverzjoni kienet fi prigunerija;

Illi tabilhaqq bil-mod kif dawn ir-regolamenti qed jigu applikati kien ikun ahjar ghall-esponenti li kieku gew kkundannati ghall-prigunerija effettiva;

Illi b'konsegwenza ta' dan l-esponenti qieghdin isofru diskriminazzjoni mhux skond il-ligi fit-tgawdija ta' wiehed mid-drittijiet fondamentali taghhom u cioe' dak ghall-liberta tal-persuna, u dan billi d-detenzjoni tieghu wara perijodu li jkun skada tenut kont tar-remissjonijiet kontemplati mill-ligi u regolamenti jkun mhux skond il-ligi u vjolativ tad-dritt tieghu ghall-liberta personali;

Illi dan qieghed jsir bi vjolazzjoni tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, u dan dejjem fil-kaz li huma ma jinghatawx rimedju ghall-vjolazzjonijiet precedentement imsemmija;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li dina l-Onorabbli Qorti jogghobha fid-dawl tal-premessi tiddikjara li bil-proceduri fuq imsemmija kontra l-esponenti u s-sussegwenti konverzjoni tal-multa fuqhom inflitta f'habs kif fuq inghad bid-digriet tat-22 ta' Awissu, 2008 gie vjolat fil-konfront tal-esponenti l-Artikolu 5, 6, u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u b'hekk taghtihom dawk ir-rimedji xierqa u opportuni, fosthom it-thassir tal-piena inflitta fuqhom jew fi kwalsijasi kaz ordni lid-Direttur tal-Habs sabiex fil-kalkolu tal-piena jiehu kont ghar-remissjonijiet fuq imsemmija ghall-liema huwa intitolat skond il-ligi.

Rat ir-risposta tal-intimati li *in forza* taghha wiegbu illi:

Illi preliminarjament, l-esponenti qeghdin jipprotestaw ruhhom bil-qawwa kollha ghal fatt illi r-rikors promotur minkejja li gie dekretat b'ordni ta' notifika immedjata fid-9 ta' Dicembru 2008 gie notifikat lilhom biss fit-12 ta' Dicembru u di piu b'terminu sat-12 ta' Dicembru biex jirrispondu. Illi fil-fehma tal-esponenti dan it-terminu qasir ta' ftit sieghat biex huma jaghmlu risposta meta ilha li giet konvertita l-multa f'habs madwar erba xhur, m’huwiex konducenti ghal smiegh xieraq kif trid il-ligi;

Illi l-esponent ghaldaqstant, qeghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti biex tindaga x'wassal ghal dan id-dewmien u biex tiehu l-passi rimedjali opportuni;

Illi dwar il-mertu huwa ovvju illi fil-ftit sieghat moghtija lilhom, l-esponenti ma jistghux jaghmlu risposta dettaljata u dwar dan huma qeghdin jipprotestaw ruhhom. Pero huma qeghdin f’dan l-istadju u b'riserva li jaghmlu risposta aktar dettaljata f'terminu opportun kif tista tikkoncedi dina l-Onorabbli Qorti, jirrispondu s-segwenti;

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma humiex ta' natura urgenti u dan specjalment stante illi l-konverzjoni ta' multi ta' natura penali f'perjodu limitat ta' habs hija sanzjoni proporzjonata kontemplata mill-ligi u pjenament gustifikata biex jigi evitat illi persuna kundannata tevadi s-sanzjonijiet tal-ligi;

Illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea invokat mir-rikorrenti ma hux applikabbli ghall-procedura tal-konverzjoni tal-multa in kwistijoni peress li din il-procedura ma hix procedura “in the determination …. of a criminal charge” kif jippostula l-artikolu 6 imsemmi. Di fatti fl-istess procedura l-Qorti ma tigix imsejjha sabiex tiddeciedi l-htija o meno ta' xi persuna ta' xi reat kriminali;

Illi inoltre anqas hu applikabbii l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif abbinat ma' l-artikolu 14 ta' l-istess Konvenzjoni ghaliex is-sitwazzjoni ta' min jigi kundannat ghal sentenza ta' prigunerija wara sejbien ta' htija ta' reat

kriminali hi differenti mis-sitwazzjoni ta' persuna li jkun gie kundannat ghall-piena tal-multa li wara tigi konvertita fi prigunerija minhabba li jkun naqas milli jhallasha. Il-persuni kollha li jghaddu mill-procedura ta' l-ahhar kollha jigu trattati mil-ligi u fil-fatt l-istess u ghalhekk ma hemm ebda diskriminazzjoni fir-rigward. Biex jipprova jeskogita xi diskriminazzjoni li ma tezistix ir-rikorrent qieghed palesament jikkompara zewg sitwazzjonijiet differenti li ghalhekk ma humiex komparabbli u ghalhekk ma jistax jinghad li hemm diskriminazzjoni fejn zewg sitwazzjonijiet differenti jinghataw trattament differenti;

Illi bizzejjed jigi rilevat, haga li r-rikorrenti naqsu jirrilevaw, li fil-kaz tal-konverzjoni tal-multa l-ligi tistabilixxi preventivament limitu ghall-perjodu ta' prigunerija li jistghu jigu obbligati jiskontaw f'kaz ta' nuqqas ta' pagament. Fil-kaz tar-rikorrenti kieku l-multa giet konvertita bir-rata li tistabbilixxi l-ligi stess il-perjodu ta' prigunerija li kien ikollhom jiskontaw kienet tkun ferm u ferm itwal minn dik li fil-fatt gie imposa. L-artikolu 11(3) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li fil-kaz ta' nuqqas ta' pagament ta' multa din ghandha tigi konvertita bir-rata ta' gumata ghal kull hdax il-ewro u hamsa u sittin centezmu (Eur 11.65c/ Lm5). Dan kien ifisser li fil-kaz tar-rikorrent Carmelo sive Charles Ellul Sullivan b'din ir-rata l-multa kien ikollha tigi konvertita f'perjodu ta' prigunerija ta' mhux anqas minn 337 sena filwaqt li fil-kaz tar-rikorrent Andrew Ellul Sullivan bl-istess rata l-multa kien ikollha tigi konvertita f'perjodu ta' prigunerija ta' mhux anqas minn 554 sena prigunerija. Minhabba li l-proviso ta' l-istess artikolu 11(3) jipprovdi li fil-fattispeci tar-rikorrenti l-perjodu ta' prigunerija fi kwalunwe kaz ma jistax jeccedi it-tmintax-il xahar iz-zewg rikorrenti ibbenefikaw minn din ir-riduzzjoni konsiderevoli tal-perjodu ta' prigunerija li altrimenti kienu jkun obbligati jiskontaw. Kieku s-sitwazzjonijiet kienu komparabbli dan kien ikun beneficcju bil-hafna akbar minn dak li kienu jibbenefikaw minnu li kieku huma kienu inghataw sentenza ta' prigunerija;

Illi fi kwalunkwe kaz ma kien hemm ebda nuqqas ta' smiegh xieraq jew diskriminazzjoni fil-kaz odjem;

Di piu, l-esponenti jirrilevaw illi l-multi in kwistjoni kienu gew imposti fuq ir-rikorrenti f'Marzu 2003 u huma diga mexxilhom jipprolongaw il-perjodu tal-hlas tal-multi ghal madwar harnes snin billi ntavolaw proceduri kostituzzjonali;

Di piu, qabel ma saret il-konverzjoni tal-multa f'piena karcerarja r-rikorrenti kienu gia pprezentaw diversi rikorsi quddiem diversi Qrati nkluza l-Qorti Kostituzzjonali stess fejn kienu ilmentaw illi l-karcerazzjoni imminenti taghhom kienet ser igib ksur tad-Drittijiet Fondamentali. Dawn ir-rikorsi kienu gew ikkunsidrati u michuda;

Illi anke qabel il-multa giet konvertita f'piena karcerarja l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet semghet sottomissjonijiet tar-rikorrenti fejn huma qajmu sostanzjalment l-istess punti li huma qeghdin jakkampaw fir-rikors in risposta;

Illi l-piena karcerarja li qeghdin iservu r-rikorrenti hija ukoll wahda illi huma ghazlu li jservu volontarjament kemm ghax l-ammonti ingenti illi huma akkwistaw dolosament ghall-ispejjez tal-erarju pubbliku setghu u facilment ghamlu tajjeb ghal hlas tal-parti sostanzjali mill-multa kif ukoll ghaliex kemm il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-20 ta' Marzu 2003 kif ukoll dik Kostituzzjonali fit-18 ta' Gunju 2008 ikkoncedew terminu altru ragonevoli biex ir-rikorrenti ihallsu l-multi in kwistjoni u dan ukoll minghajr il-hlas ta' l-imghax;

Ghandu jinghad ukoll illi l-perjodu karcerarju impost fuq ir-rikorrenti huwa wiehed altru moderat in vista ta' l-ammonti ingenti sottratti lil erarju pubbliku bl-agir taghhom;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif fuq inghad;

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimati li *in forza* taghha wiegbu illi:

Illi din ir-Risposta Ulterjuri qieghdha issir ai termini tal-verbal tas-seduta tas-16 ta' Dicembru 2008 fejn dina l-Onorabbli Qorti tat lill-intimati l-fakolta' illi jipprezentaw risposta ulterjuri;

Illi rikorrenti qeghdin jabbuzaw bil-process gudizzjarju b'ripetizzjoni ta' l-istess talbiet f'diversi rikorsi u quddiem diversi Qrati kemm ilha li inghatat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-20 ta' Marzu 2003 fejn l-istess rikorrenti instabu hatja;

Illi fil-fatt il-proceduri odjerni qed jigu intavolati mir-rikorrenti in segwitu
ghal proceduri kostituzzjonali fl-ismijiet ‘Andrew Ellul Sullivan et vs L-Avukat Generali et' (Rik. Nru. 651/98) liema proceduri kienu jitrattaw specifikatament allegat vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll il-proceduri kostituzzjonali fl-ismijiet ‘Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmelo Ellul Sullivan vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali' (Rik. Nru. 10/03) liema proceduri gew anke ritrattati mir-rikorrent Carmelo Ellul Sullivan u decizi finalment fil-31 ta' Ottubru 2008;

Illi fir-rikors promutur, ir-rikorrenti qieghdin jallegaw illi l-proceduri kontra r-rikorrenti u sussegwenti konverzjoni tal-multa f'habs ai termini tad-Digriet tat-22 ta' Awwissu 2008 allegatament jivvjolaw id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti senjatament l-Artikoli 5, 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentement ir-rikorrenti qeghdin jitolbu illi l-piena inflitta fuqhom tigi mhassra jew sabiex id-Direttur intimat fil-kalkolu tal-piena jiehu kont ghar-remissjonijiet;

Illi in linea preliminari l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni ai termini tal-Aritkolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan peress illi r-rikorrenti ma talbux illi tigi mpunjata l-validita' tal-ligi jew tar-regolamenti dwar il-habs;

Illi in linea preliminari wkoll, in kwantu dan ir-rikors qieghed jitlob id-diskussjoni mill-gdid ta' meritu li diga gie trattat fit-tul u deciz kemm mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-20 ta' Marzu 2003 kif ukoll mill-Qorti

Kostituzzjonali fit-18 ta' Gunju 2008, l-azzjoni odjerna tikkozza ma l-awtorita tar-res iudicata stabbilita permezz ta' l-imsemmija sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali u tal-Qorti Kostituzzjonali;

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi l-agir tal-esponenti huwa wiehed ghal kollox legittimu;

**Ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem**

Illi in linea preliminari dan l-Artikolu mhux applikabbli stante illi l-ilment
tar-rikorrenti ma jirrigwardax decizjoni dwar dritt jew obbligu civili jew determinazzjoni ta' htija ghal reat kriminali ghal finijiet ta' l-istess Artikolu kif jirrizulta ampjament mill-gurisprudenza kemm nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Ir-rikorrenti qeghdin jallegaw illi l-fatt illi l-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali kienet presjeduta mill-Onor. Prim Imhallef Vincent DeGaetano li bid-Digriet tat-22 ta' Awwissu 2008 ikkonvertiet il-multa imposta fuq ir-rikorrenti f'terminu ta' prigunerija u dan meta allegatament l-istess Prim Imhallef kien agixxa ta' prosekutur fil-kawza kriminali allegatament jivvjola d-dritt tar-rikorrenti ghall-smiegh xieraq;

Illi l-esponenti jissottomettu illi meta l-Qorti kkonvertiet il-multa f'terminu ta' prigunerija bl-ebda mod ma kienet qed tiddetermina l-htija o meno tar-rikorrenti ghar-reat kommess minnhom liema htija instabet bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-20 ta' Marzu 2003 u l-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjonijiet taghha tat-18 ta' Gunju 2008 ma sabet l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikkorrenti fid-dekors tal-proceduri kriminali kontra taghhom;

Illi in vista tas-suespost ma hemm ebda vjolazzjoni ta' l-imsemmi Artikolu 6 anke biss ghar-raguni illi l-proceduri in

kwistjoni ma kienux proceduri fid-determinazzjoni ta' htija o meno ghal reat kriminali jew fid-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi civili u bl-ebda mod ma kienu jirrigwardaw il-meritu tal-akkuzi migjuba originarjament kontra r-rikorrenti;

**Ebda ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem**

L-esponenti jissottomettu illi d-detenzjoni tar-rikorrenti hija skond il-ligi u dan peress illi r-rikorrenti instabu hatja minn qorti kompetenti u ghalhekk jaqghu taht l-eccezzjoni ipprovduta fl-Artikolu 5 (1) (a) tal-Konvenzjoni Ewropea;

Illi r-rikorrenti ghamlu diversi tentattivi sabiex iwaqqfu l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sensiela ta' rikorsi intavolati wara illi inghataw id-decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta' Gunju 2008 u sahansitra wiehed mir-rikorrenti adopera l-procedura straordinarja ta' ritrattazzjoni u anke ghamel kawza biex titwaqqaf l-ezekuzzjoni tas-sentenza ghax qal li sejjer jirrikorri quddiem il-qorti Ewropeja;

Illi l-fatt illi l-perjodu ta' prigunerija tar-rikorrenti hija naxxenti minn konverzjoni ta' multa ghal terminu ta' prigunerija dan ab initio jfisser illi d-detenzjoni taghhom kienet wahda volontarja u dana peress illi huma ghazlu illi ma jhallsux il-multa u illi jiskontaw terminu ta' prigunerija liema terminu ma jibbenefikax minn remissjoni u dana peress illi huma ghad ghandhom ic-cans illi jhallsu l-bilanc tal-multa u johorgu mid-detenzjoni mal-hlas;

Huwa car illi il-prigunerija wara konverzjoni ta' multa hija prigunerija ta' natura differenti mill-prigunerija ordinarja billi ebda prigunier kundannat ghall-perijodu ta' karcerazzjoni ma normalment igawdi mill-fakolta illi jhallas xi ammont u jigi liberat mill-karcerazzjoni;

Apparti minn dan il-fatt illi l-prigunerija wara l-konverzjoni ta' multa ghandha massimu li fiz-zmiem rilevanti kien biss ta' sena u nofs ifisser illi r-rikorrenti fil-fatt altru illi hadu l-ekwivalenti ta' remissjoni diga ghax kieku huma kienu

tenuti li jiskontaw il-prigunerija bir-rata ta' hdax il-euro u hamsa u sittin centezmu kull gurnata huma kienu jispiccaw jghaddu ghomorhom il-habs sakemm jiskontaw il-multi kbar imposti fuqhom;

Illi in vista tas-suespost ma hemm ebda vjolazzjoni ta' dana l-Artikolu.

**Ebda ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem**

Illi l-esponenti jichdu kategorikament illi huma trattaw lir-rikorrenti b'mod diskriminatorju u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti fuq dan l-Artikolu;

F'dan ir-rigward l-esponenti jissottomettu illi huwa necessarju illi sabiex wiehed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid ikun qieghed jipparaguna sitwazzjonijiet li ma humiex oggettivament differenti bhal ma huwa l-paragun li qeghdin jaghmlu r-rikorrent bejn persuna li tkun ikkundanata tiskonta terminu ta' prigunerija u persuna illi tkun ikkundannata thallas multa u li fin-nuqqas ta' dan il-hlas tigi kkonvertita f'terminu ta'  prigunerija;

Di piu, l-esponenti jissottomettu illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja illi mhux kull "distinzjoni" necessarjament tammonta ghal "diskriminazzjoni" fis-sens ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

In oltre, kif gie dejjem ritenut, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni m'ghandux
esiztenza separata izda jrid dejjem jigi ezaminat flimkien ma disposizzjonijiet ohra ta' l-istess Konvenzjoni li jiggarantixxu it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni[1];

Illi r-rikorrenti lanqas ma huma qeghdin biss jallegaw illi huma qeghdin isofru diskriminazzjoni abbazi ta' xi wahda

[1] **Airey v. Ireland** deciza fid-9 ta' Ottubru 1979 mill-Qorti ta' Strasbourg

mir-ragunijiet li għalihom ma tistax issir distinzjoni bejn persuna u oħra imsemmija fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

Illi in vista tas-suespost ma hemm ebda vjolazzjoni ta' dana l-Artikolu;

Bl-ispejjez;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Marzu 2009 li in forza tieghu, fuq talba tar-rikorrenti, ordnat l-allegazzjoni tal-process fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charles Ellul Sullivan" li inbeda b'rikors tar-Registratur tal-Qorti pprezentat fil-25 ta' April 2003 u ddegretat fit-22 ta' Awissu 2008.

Rat illi ir-rikors kostituzzjonali thalla ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti u senjatment mix-xhieda ta' PS 1211 Richard Zammit illi r-rikorrenti Carmelo sive Charles Ellul Sullivan idahhal fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jiskonta sentenza ta' tmintax il-xahar prigunerija peress illi naqas milli jhallas multa illi gie ikkundannat ihallas permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.  Mistoqsi jekk ir-rikorrenti kienx ser jinghata remission mid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, is-Surgent wiegeb illi remission ma tinghatax meta persuna tkun qeghda il-habs tiskonta sentenza fuq nuqqas ta' hlas ta' multi jew spejjez peritali u tkun tista tohrog mill-habs biss jekk thallas il-multa jew l-ispejjez peritali skond il-kaz.  Ix-xhud ikkonferma illi r-rikorrenti ma kien hallas xejn mill-multa u mistoqsi ta' min kienet id-decizjoni illi huwa ma jinghatax remission, ix-xhud wiegeb illi fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin ma tinghatax remission meta persuna tkun il-habs wara illi l-multa li ma tkunx hallset tkun giet konvertita f'prigunerija.  Huwa xehed illi skond ir-regolamenti tal-habs id-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin jaghti remission, izda mhux f'kaz bhal dak tar-rikorrenti odjern u ir-remission dejjem tithalla fid-diskrezzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Ix-xhud kompla jghid illi meta persuna tidhol il-habs wara li

tigi misjuba hatja li tkun ikkommettiet reat tinghata remission ghal imgieba tajba, u dejjem fid-diskrezzjoni tad-Direttur tal-Habs. Ix-xhud kompla jispjega illi ghal kull sena habs tinghata erba' xhur remission, dejjem jekk il-prigunier ikun gab ruhu sew. Ix-xhud kompla jispjega illi persuni illi jkunu dahlu il-habs minhabba li jkunu gew misjuba hatja illi ikkommettew reat ma ikunx jistghu johorgu mill-habs bhalma setgha johrog ir-rikorrenti li kieku hallas il-multa. Mistoqsi, ix-xhud kompla jghid illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti kellu jhallas multa ta' madwar sitt mitt elf lira Maltin. Huwa spjega illi normalment fejn tkun imposta multa u din tigi konvertita fi prigunerija il-konverzjoni tkun bil-mod kif gej :
Ghal kull hdax il-ewro u hamsa u sittin centezmu trid tigi skontata gurnata prigunerija.

Illi x-xhud kompla jixhed illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti kien ikollu jiskonta prigunerija ferm itwal minn tnax-il xahar peress illi l-multa imposta fuqu kienet gholja, izda il-Ligi tipprovdi illi l-perjodu massimu ta' prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' multi jew ta' spejjez peritali huwa ta' tmintax il-xahar u ghalhekk ir-rikorrenti irid jiskonta tmintax il-xahar prigunerija. Jekk huwa ihallas il-multa, johrog immedjatament mill-habs. Izda f'dan il-kaz ma jinghata l-ebda remission jekk igib ruhu sew, bhalma jinghataw remission prigunieri ohrajn illi jkunu qeghdin jiskontaw sentenza ta' prigunerija wara li jkunu gew misjuba hatja ta' reat.

Illi xehed Joseph Sacco, Registratur tal-Qorti Kriminali illi esebixxa kopja legali tal-proceduri li kienu ittiehdu kontra r-rikorrenti wara illi kien sar rikors mir-Registratur tal-Qorti fil-25 ta' April 2003 lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn l-imsemmija Qorti giet mitluba tikkonverti il-multa ta' miljun tnax il-elf mitejn u sebgha u erbghin lira Maltin u ghaxar centezmi fi prigunerija peress illi r-rikorrenti Andrew Ellul Sullivan kien naqas milli jhallas il-multa.

Illi f'dan ir-rikors ir-Registratur tal-Qorti irrefera ghas-sentenza li kienet inghatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Marzu 2003 fil-konfront tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat is-sentenza tal- Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija kontra Andrew Ellul Sullivan, Joseph Ellul Sullivan, Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi deciza fl-20 ta’ Marzu 2003 fejn ir-rikorrenti odjerni gew ikkundannati ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn b’dana illi s-sentenza ma kellhiex tibda issehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba snin mid-data ta’ din is-sentenza jikkommettu reat iehor illi ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Ir-rikorrenti Andrew Ellul Sullivan gie ordnat ihallas multa ta’ miljun, tnax-il elf, mitejn u sebgha u erbghin lira Maltin u ghaxar centezmi (LM1,012,247.10) u ir-rikorrenti Carmelo sive Charles Ellul Sullivan gie ikkundannat ukoll ghall-hlas ta’ multa ta’ sitt mija u sittax il-elf sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu piu id-doppju tal-valur tal-oggetti in kwistjoni li kien jammonta ghas-somma ta’ hames mija hamsa u erbghin elf erbgha mija tmienja u ghoxrin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu. Ir-rikorrenti gew moghtija l-fakulta sabiex ihallasu il-multi f’rati mensili b’dana illi jekk ma jsirx hlas ta’ xi wahda mir-rati l-ammont shih li jkun fadal kellu jkun dovut u jithallas minnufih u jekk ma jithallasx il-multa kellha tigi ikkonvertita fi prigunerija skond il-Ligi skond l-ammont li jkun ghadu dovut. Il-Qorti rat ukoll id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmelo Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali tal-25 ta’ April 2003 wara rikors imressaq fis-7 ta’ April 2003 mir-rikorrenti odjerni illi talbu illi sa kemm kien ghadu qed jinstema ir-rikors kostituzzjonali imressaq minnhom kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali jigi sospiz it-terminu ta’ hlasijiet impost kontra taghhom b’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-20 ta’ Marzu, 2003 u rat illi permezz tad-digriet imsemmi il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u ordnat is-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza imsemmija taht certi kundizzjonijiet fosthom li tali twaqqif ta’ l-esekuzzjoni kellu idum isehh sa tlett xhur kalendarji mid-data ta’ l-imsemmi digriet; liema zmien setgha jigi mibdul wara talba f’dan is-sens minn kull wahda mill-partijiet. Kundizzjoni ohra imposta fuq ir-rikorrenti odjern kienet illi sa mhux izjed tard

mit-30 ta’ Mejju 2003 kellhom jipprezentaw garanzija bankarja xierqa li giet iffissata mill-Qorti.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tal-14 ta’ Lulju 2003 illi permezz tieghu is-sospenzjoni fit-termini tad-digriet illi kien ser jaghlaq fil-25 ta’ Lulju 2003 giet estiza f’tlett xhur ohra. Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-2 ta’ Ottubru 2003 li permezz tieghu laqghet it-talba tar-rikorrenti u tawlet l-effetti tad-digriet tal-25 ta’ April, 2003 sat-13 ta’ Novembru 2003. Rat illi permezz ta’ digriet iehor tas-6 ta’ Novembru 2003 id-digriet imsemmi tal-25 ta’ April, 2003 gie estiz sat-28 ta’ Dicembru, 2003. Rat illi permezz ta’ digriet tat-23 ta’ Jannar, 2004 id-digriet rega’ gie estiz sal-10 ta’ Marzu, 2004 u illi permezz ta’ digriet iehor tas-26 ta’ Frar, 2004 l-effetti tad-digriet gew estizi sat-2 ta’ April, 2004.

Illi permezz ta’ digriet tad-29 ta’ Marzu, 2004 l-effetti tad-digriet tal-25 ta’ April 2003 gew estizi sal-15 ta’ Mejju 2004 u permezz ta digriet tas-7 ta’ Mejju 2004 l-effetti tal-imsemmi digriet gew estizi sal-15 ta’ Lulju, 2004.

Illi permezz ta’ digriet tal-Qorti Kostituzzjonali tal-15 ta’ Lulju 2004 l-effetti tad-digriet tal-25 ta’ April 2003 gew estizi sal-31 ta’ Jannar, 2005 u permezz ta’ digriet iehor tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta’ Jannar, 2005 l-effetti ta’ l-imsemmi digriet gew estizi sat-28 ta’ April, 2005.

Rat id-digriet tal-Qorti ta’ l-Appell tat-13 ta’ April, 2005 illi estenda l-effetti tad-digriet tal-25 ta’ April, 2003 sat-28 ta’ Ottubru, 2005.

Illi permezz ta’ digriet tal-24 ta’ Ottubru, 2005 moghti mill-Qorti ta’ l-Appell l-effetti tad-digriet gew estizi sal-31 ta’ Jannar, 2006 u permezz ta’ digriet tad-9 ta’ Jannar, 2006 l-effetti ta’ l-imsemmi digriet gew estizi sas-26 ta’ April, 2006.

Illi permezz ta’ digriet tat-30 ta’ Marzu, 2006 moghti mill-Qorti Kostituzzjonali l-effetti tad-digriet gew estizi ulterjorment sas-27 ta’ Gunju, 2006 u b’digriet tat-3 ta’

Mejju, 2006 tal-Qorti Kostituzzjonali l-effetti tad-digriet gew estizi sas-27 ta' Lulju, 2006.

Illi b'digriet tal-Qorti Kostituzzjonali tal-15 ta' Jannar, 2007 l-effetti tad-digriet gew estizi sat-28 ta' Frar, 2007 u b'digriet tal-20 ta' Frar, 2007 l-effetti tad-digriet gew estizi sas-26 ta' April, 2007.

Illi b'digriet tad-19 ta' Lulju 2007 tal-Qorti Kostituzzjonali l-effetti tad-digriet gew estizi sat-30 ta' Ottubru, 2007 u b'digriet tat-23 ta' Jannar, 2008 l-effetti tad-digriet gew estizi sad-29 ta' Frar, 2008.

Illi inghatat sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Gunju 2008 fl-ismijiet Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmelo Ellul Sullivan kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali fejn gie deciz l-appell maghmul mir-rikorrenti Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmelo Ellul Sullivan mis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Lulju, 2004, u permezz ta' din is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali gie michud l-appell ta' Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmelo Ellul Sullivan.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ir-rikors tar-Registratur tal-Qrati illi sar fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn ir-Registratur tal-Qrati talab lill-Qorti sabiex jogghobha tikkonverti is-somma ta' sitt mija u sittax il-elf sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu; liema somma Carmel sive Charles Ellul Sullivan kien gie ikkundannat ihallas permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Marzu, 2003 fi prigunerija skond dak li hemm provdut fl-Artikolu 11 (3), 13 (2), 14 (1), 29, 533 (2), 666 (2) tal-Kodici Kriminali peress illi l-imsemmi Carmel sive Charles Ellul Sullivan, minkejja li gie moghti l-fakulta li jhallas l-imsemmija multa b'rati mensili, baqa' ma hallas xejn mill-imsemmija somma.

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta' Gunju, 2008 fl-ismijiet Andrew Ellul Sullivan et vs l-Avukat

Generali tar-Repubblika u l-Kummissarju tal-Pulizija fejn il-Qorti cahdet l-Appell incidentali tal-intimati u laqghet in parti l-appell principali tar-rikorrenti appellanti u ghalhekk ikkonfermat is-sentenza appellata in kwantu din iddikjarat illi fil-konfront tar-rikorrenti kollha inkisru l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi r-rikorrenti ma inghatawx smigh xieraq fiz-zmien ragonevoli fil-process kriminali differit fir-rikors promotur, irrevokataha fejn iddecidiet li anke ir-rikorrenti kellhom tort minhabba dewmien, stante li ma hadux il-passi kollha biex l-espert jaghlaq ir-rapport, irrevokataha fejn iddecidiet li bis-sejbien tal-ksur imsemmi kien hemm just satisfaction ghar-rikorrenti u fejn ikkundannat li l-ispejjez jithallsu bla taxxa bejn il-kontendenti minflok ordnat li l-intimati appellati l-Avukat Generali tar-Repubblika u l-Kummissarju tal-Pulizija solidament bejniethom ihallsu lill-erba' rikorrenti appellanti kumpens ghad-dewmien irragonevoli imsemmi ta' elfejn ewro lil kull wiehed minnhom oltre dan il-kumpens finanzjarju kwantu ghall-appellanti Andrew Ellul Sullivan u Carmel sive Charles Ellul Sullivan fis-sens fuq spejgat u bhala kumpens addizzjonali ghall-istess dewmien ordnat referibbilment ghad-disposittiv tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Marzu, 2003 illi ma jiddekorru ebda imghaxijiet mid-data tas-sentenza sad-data ta' din is-sentenza fuq il-multi inflitti f'dik is-sentenza u senjatament fuq l-ammont li f'dik is-sentenza gie dikjarat bhala dejn civili dovut lill-Gvern u ordnat ukoll illi l-koncessjoni maghmula lill-appellanti biex ihallsu l-ammont imsemmi fl-istess sentenza fi zmien sitta u tletin xahar f'rati mensili pagabbli fl-20 ta' kull xahar, li kellhom jibdew jiddekorri b'effett mill-20 ta' Lulju 2008 u bl-istess kundizzjonijiet l-ohra li jissemmew fl-imsemmi dispozittiv ta' l-istess sentenza. Bl-ispejjez a karigu tal-intimati appellati.

Rat id-digriet tat-22 ta' Awissu, 2008 moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Prim'Imhallef Vincent Degaetano fejn il-Qorti osservat li l-ammont ta' sitt mija u sittax il-elf sitt mija tlieta u tmenin liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm616,683.43) dovuti bhala multa minn Carmel Ellul Sullivan baqghu ma thallsux sa

dakinhar tad-digriet u lanqas ma sar hlas rateali kif koncess mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li hija li ghaddiet in gudikat u li fid-data tad-digriet imsemmi ma kien baqa l-ebda ostakolu legali biex tkun tista tigi infurzata, ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikolu 11 tal-Kodici Kriminali kif kien fiz-zmien tar-reat ikkonvertit l-imsemmija multa fi tmintax il-xahar prigunerija.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali ta’ Carmelo sive Charles Ellul Sullivan minnu ipprezentata fil-15 ta’ Lulju, 2009.

Rat in-nota responsiva tal-intimati tal-11 ta’ Awissu, 2009.

Ikkunsidrat :

Illi fir-rikors promotorju tieghu ir-rikorrenti ressqu tlett ilmenti fl-ambitu tal-Artikolu 5 mehud in konsiderazzjoni mal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta’ l-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni.

Ikkunsidrat illi esenzjalment dawn l-ilmenti jikkonsistu l-ewwel nett fl-ilment tan-nuqqas ta’ smigh xieraq billi r-rikorrenti Carmelo sive Charles Ellul Sullivan jikkontendi li gie imgieghel jirrispondi ghal talba ibbazata fuq kolpa li b’effett tad-decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta’ Gunju, 2008 kienet giet innewtralizzata u dan bi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. It-tieni ilment tar-rikorrenti huwa tan-nuqqas ta’ smigh xieraq mit-Tribunal imparzjali stante li r-rikors ipprezentat mir-Registratur tal-Qorti gie deciz mill-Prim’Imhallef Vincent Degaetano, meta l-istess Prim’Imhallef kien agixxa ta’ Prosekutur fil-process kriminali kontra r-rikorrenti u dan bi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. It-tielet ilment hu fis-sens illi qeghda ticcahad il-liberta personali tar-rikorrenti b’mod diskriminatorju billi d-Direttur tal-Habs qieghed jirrifjuta li japplika ir-regolament 14 tal-Avviz Legali 118 tal-1995 ghas-sitwazzjoni tar-rikorrenti u b’hekk b’mod diskriminatorju qieghed jigi michud remissjoni mill-perjodu ta’ prigunerija li giet imposta fuqu u dan bi vjolazzjoni tal-Artikolu 14 mehud in konsiderazzjoni mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ghalhekk ir-

rikorrenti qieghed jitlob lill-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara illi bil-proceduri decizi bid-digriet moghti fit-22 ta' Awissu, 2008 gie vjolat id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif protett fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja kfi ukoll illi tiddikjara li gie vjolat l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja mehud in konsiderazzjoni mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Ikkunsidrat :

Illi in kwantu ghall-ewwel ilment tar-rikorrenti fis-sens illi huwa ma inghatax smigh xieraq meta instema u gie deciz ir-rikors ghall-konverzjoni tal-multa fi prigunerija u dana peress illi skond hu l-unika akkuza ta' liema kellu jirrispondi kienet l-allegazzjoni li ma kienx hallas ir-rati mensili dovuti sad-data tal-prezentata tar-rikors u cioe' 25 ta' April, 2003 u ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ohra kontenuta f'dak ir-rikors. Ghalhekk ir-rikorrenti jikkontendi illi huwa gie imgieghel jirrispondi ghall-kwistjoni u cioe' nuqqas ta' hlas presumibilment f'Awissu 2008 dwar liema ma kien hemm l-ebda indikazzjoni jew talba mir-Registratur tal-Qorti fir-rikors. Ghalhekk ir-rikorrenti ma inghatax smigh xieraq kif trid il-Ligi u l-Konvenzjoni. Ir-rikorrenti jikkontendi wkoll illi gie imgieghel jirrispondi ghal talba ibbazata fuq kolpa li b'effett tad-decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Gunju 2008 kienet giet innewtralizzata u dan bi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Ikkunsidrat :

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Marzu 2003 fejn ir-rikorrenti Carmelo sive Charles Ellul Sullivan kien gie misjub hati ai termini tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti kienet ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' sitt mija u sittax-il elf sitt mija u tlieta u tmenin liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm616,683.43).

Illi r-rikorrenti Carmelo sive Charles Ellul Sullivan flimkien mar-rikorrenti Andrew Ellul Sullivan kienu intavolaw proceduri Kostituzzjonali (Rikors Nru 651/98); liema

proceduri kienu jittrattaw specifikatament allegati vjolazzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u kienu istitwew proceduri kostituzzjonali ohrajn (Rikors Nru 10/03); liema proceduri kienu wkoll l-oggett ta' talba ghar-ritrattazzjoni mir-rikorrent Carmelo Ellul Sullivan.

Illi fir-rigward ta' l-Appell Civili Nru 10/2003 fil-kawza fl-ismijiet Andrew Ellul Sullivan et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Gunju, 2008, il-Qorti kienet cahdet l-appell izda kienet ordnat temperament fil-kap ta' l-ispejjez minhabba l-komplessita, kif ukoll in-novita ta' parti sinifikanti mill-mertu li gie deciz u ghalhekk cahdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza appellata, izda ordnat li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Illi l-Qorti rat ukoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta' Gunju, 2008 (ir-rikors Nru 651/98) fl-ismijiet Andrew Ellul Sullivan et vs L-Avukat Generali tar-Repubblika u il-Kummissarju tal-Pulizija, u rat illi dan kien appell maghmul mir-rikorrenti odjerni u persuni ohrajn mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Marzu, 1999.

Illi permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti cahdet l-appell incidentali tal-intimati u laqghet in parti l-appell principali tar-rikorrenti appellanti u ghalhekk ikkonfermat is-sentenza appellata in kwantu din iddikjarat illi fil-konfront tar-rikorrenti kollha inkissru l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi r-rikorrenti ma inghatawx smigh xieraq fiz-zmien ragonevoli fil-process kriminali differit fir-rikors promoter u irrevokataha fejn iddecidiet li anke ir-rikorrenti kellhom tort minhabba dewmien, irrevokataha ukoll fejn iddecidiet li bis-sejbien tal-ksur imsemmi kien hemm just satisfaction ghar-rikorrenti u fejn ikkundannat li l-ispejjez jithallsu bla taxxa bejn il-kontendenti, minflok il-Qorti ordnat lill-intimati appellati solidament bejniethom ihallsu lill-erba' rikorrenti appellanti kumpens ghad-dewmien irragonevoli ta' elfejn ewro lil kull wiehed minnhom, oltre dan il-kumpens finanzjarju kwantu ghall-appellanti Andrew Ellul Sullivan u Carmel sive Charles Ellul Sullivan u bhala kumpens

addizzjonali ghall-istess dewmien il-Qorti ordnat referibbilment ghad-dispositiv tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Marzu, 2003 illi ma jiddekorru ebda imghaxijiet mid-data ta' dik is-sentenza sat-18 ta' Gunju, 2008 fuq il-multi inflitti f'dik is-sentenza u senjatament fuq l-ammont li f'dik is-sentenza gie dikjarat bhala dejn civili dovut lill-Gvern u ordnat ukoll illi l-koncessjoni maghmula lill-appellanti biex ihallsu l-ammont imsemmi fl-istess sentenza fi zmien sitta u tletin xahar f'rati mensili pagabbli fl-20 ta' kull xahar kellhom jibdew jiddekorru b'effett mill-20 ta' Lulju 2008 u bl-istess kundizzjonijiet l-ohra li jissemmew fl-imsemmi dispozittiv ta' l-istess sentenza.  Fl-ahhar nett ordnat li l-ispejjez kollha tal-procedura jibqghu a karigu tal-intimati appellati.

Ikkunsidrat :

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi wara li gew decizi dawn iz-zewg kawzi ir-rikorrenti Carmelo sive Charles Ellul Sullivan u Andrew Ellul Sullivan  kellhom jhallsu l-ammont imsemmi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Marzu 2003 fi zmien 36 xahar f'rati mensili pagabbli fl-20 ta' kull xahar u din il-koncessjoni kellha tibda tiddekorri b'effett mill-20 ta' Lulju, 2008 u bl-istess kundizzjonijiet l-ohra li jissemmew fl-imsemmi dispositiv tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Ikkunsidrat :

Illi r-rikors tar-Registratur tal-Qrati tal-25 ta' April, 2003, fejn talab lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabiex tikkonverti il-multa illi kellhom ihallsu ir-rikorrenti Carmelo sive Charles Ellul Sullivan u Andrew Ellul Sullivan  fi prigunerija skond dak li hemm provdut fl-Artikoli rilevanti tal-Kodici Kriminali u dana peress illi r-rikorrenti minkejja li gew moghtija il-fakulta li jhallsu l-imsemmija multa f'rati mensili baqghu ma hallsu xejn, instema mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Gunju, 2008.  Il-Qorti dakinhar rat iz-zewg sentenzi Kostituzzjonali moghtija fit-18 ta' Gunju, 2008 mill-Qorti Kostituzzjonali li kienu jirrigwardaw lir-rikorrenti fir-rigward tas-sentenza tal-20 ta' Marzu, 2003 tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.  Il-Qorti rat illi in vista tal-fatt illi fis-sentenza tal-

Qorti Kostituzzjonali (ir-rikors Nru 651/98) dik il-Qorti ordnat li l-hlasijiet mensili jibdew jiddekorru b'effett mill-20 ta' Lulju, 2008, u il-Qorti ta' l-Appell Kriminali akkordat lir-rikorrenti Carmelo sive Charles Ellul Sullivan u Andrew Ellul Sullivan zmien sal-20 ta' Lulju, 2008 sabiex jaffettwaw l-ewwel pagament skond is-sentenza imsemmija tal-20 ta' Marzu, 2008, bil-bqija ir-rati mensili jkunu dovuti kull xahar fl-20 ta' l-istess xahar. Dakinhar il-Qorti spjegat lir-rikorrenti Carmelo sive Charles Ellul Sullivan u Andrew Ellul Sullivan li jekk huma jonqsu minn pagament wiehed biss jitilfu il-beneficcju tal-hlas rateali u il-bqija tal-ammont dovut jigi konvertit fi prigunerija skond il-Ligi u iddifferit ir-rikors ghall-kontinwazzjoni ghat-22 ta' Awissu, 2008.

Illi fit-22 ta' Awissu, 2008 issejjah ir-rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u deher ir-rikorrenti Carmelo sive Charles Ellul Sullivan assistit mill-avukati difensuri tieghu. Il-Qorti osservat li l-ammont ta' sitt mija u sittax-il elf sitt mija u tlieta u tmenin liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm616,683.34) dovuti bhala multa mir-rikorrenti kienu baqghu ma thallsux sa dakinhar, jigifieri sat-22 ta' Awissu, 2008 u li lanqas ma kien sar hlas rateali kif koncess mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, li ilha li ghaddiet in gudikat u illi fit-22 ta' Awissu, 2008 ma kien baqa' l-ebda ostakolu legali sabiex din is-sentenza tkun tista tigi infurzata. Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 11 tal-Kodici Kriminali kif kien fiz-zmien tar-reat, ikkonvertit l-imsemmija multa fi tmintax il-xahar prigunerija.

Illi l-istess gara fil-kaz tar-rikorrenti Andrew Ellul Sullivan li ukoll kellu jiskonta 18-il xahar prigunerija peress illi ma hallasx il-multa.

Ikkunsidrat :

Illi huwa minnu illi fil-pendenza tal-kawzi kostituzzjonali imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-gudikat kemm il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali kienu issospendew l-ezekuzzjoni tas-

sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta’ Marzu, 2003.

Illi r-rikorrenti argumentaw illi l-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza taghha tas-16 ta’ Gunju 2008, innewtralizzat l-effett tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ghat-terminu bejn Marzu 2003 u Lulju 2008 u ghalhekk ir-rikorrenti jikkontendu li huma ma kienux obbligati jaghmlu pagament tal-multa fil-perjodu bejn Marzu 2003 sa Lulju 2008 u b’hekk huwa inkoncepibbli li huma setghu jigu validament imgieghla iwiegbu ghal nuqqas ta’ hlas ta’ multa f’dak il-perjodu.  Mhux talli hekk izda fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali huma inghataw rimedju li jikkonsisti fis-sospenzjoni tal-obbligu ghall-hlas ta’ l-istess multa ghall-perjodu bejn Marzu 2003 u Mejju 2008 u l-istess Qorti Kostituzzjonali iddikjarat illi l-hlas f’pagamenti mensili pagabbli fl-20 ta’ kull xahar kellu jibda jiddekkorri b’effett mill-20 ta’ Lulju 2008.  Ghalhekk ir-rikorrenti jikkontendu illi sehh ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja fil-konfront taghhom meta l-Qorti tal-Appell Kriminali iddecidiet ir-rikors tar-Registatur tal-Qorti tal-25 ta’ April, 2003 permezz ta’ digriet datat 22 ta’ Awissu, 2008.  Huma jissottomettu illi permezz ta’ dan id-digriet tat-22 ta’ Awissu, 2008 ir-rikorrenti ma inghatawx smigh xieraq ghaliex huma ma inghatawx l-opportunita illi jirrispondu ghan-nuqqasijiet taghhom fil-limiti ta’ procedura xierqa u gusta u dana peress illi gew imgieghla jirrispondu ghall-fatti li permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali gew newtralizzati.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi r-rikorrenti ma ghandhomx ragun f’din is-sottomissjoni taghhom.  Ir-rikorrenti fl-ebda hin ma gew imgieghla jirrispondu ghan-nuqqas taghhom illi jhallsu il-multa pendenti is-sospenzjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza kriminali u fid-digriet taghha il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma ikkonvertitx il-multa fi prigunerija b’referenza ghall-perjodu riferibbli ghall-perjodu ta’ sospenzjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali.  Il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza taghha tat-18 ta’ Gunju 2008, effettivament ordnat l-esekuzzjoni tas-sentenza

moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali. Una volta illi gew decizi iz-zewg kawzi kostituzzjonali fit-18 ta' Gunju 2008 rega skatta l-obbligu tar-rikorrenti sabiex ihallsu il-multa imposta mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali u ghalhekk setgha jigi deciz ir-rikors illi kien gieipprezentat mir-Registratur tal-Qrati tal-25 ta' April, 2003. Effettivament, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, b'digriet taghha tal-20 ta' Gunju, 2008 rat l-imsemmija zewg sentenzi Kostituzzjonali moghtija fit-18 ta' Gunju, 2008, u rat ukoll illi fis-sentenza taghha il-Qorti Kostituzzjonali ordnat li l-hlas mensili jibda jiddekorri mill-20 ta' Lulju, 2008 u akkordat lir-rikorrenti zmien sal-20 ta' Lulju, 2008 sabiex jaffettwaw l-ewwel pagament. Ghalhekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Gunju, 2008 spjegat lir-rikorrenti li jekk jonqos minn pagament wiehed biss jitlef il-beneficcju tal-hlas rateali u il-bqija ta' l-ammont dovut jigi konverit fi prigunerija skond il-Ligi u iddifferit ir-rikors ghal Gimgha 22 ta' Awissu, 2008. Fit-22 ta' Awissu, 2008 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, rat illi r-rikorrent baqghu ma hallsu xejn mill-multa illi gew ikkundannati li jhallsu mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u rat ukoll illi l-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ilha li ghaddiet minn gudikat u li ma kien baqa' l-ebda ostakolu legali sabiex din is-sentenza tkun tista tigi infurzata u dana peress illi kienu gew decizi iz-zewg kawzi kostituzzjonali fit-18 ta' Gunju, 2008. Ghalhekk, wara li rat l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 9 ikkonvertit il-multa ta' sitt mija u sittax-il elf sitt mija u tlieta u tmenin liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm616,683.34) fi tmintax-il xahar prigunerija fil-konfront tar-rikorrenti Charles Ellul Sullivan. Ir-rikorrenti Andrew Ellul Sullivan ukoll kellu jiskonta prigunerija ta' tmintax-il xahar talli ma hallasx il-multa.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tirraviza l-ebda ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat :

Illi t-tieni ilment tar-rikorrenti huwa in-nuqqas ta' smigh xieraq minn Tribunal imparzjali stante illi r-rikors ipprezentat mir-Registratur tal-Qrati gie deciz mill-Eccellenza tieghu il-Prim Imhallef Vincent Degaetano, meta l-istess Prim Imhallef kien agixxa ta' Prosekutur fil-

process kriminali kontra ir-rikorrenti u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ir-rikorrenti jikkontendu illi allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigh xieraq minn Tribunal li ma jirrispettax ir-rekwizit ta' imparzjalita jigi ezaminat kemm mill-aspett oggettiv, kif ukoll minn dak soggettiv. Fid-determinazzjoni ta' din l-analizi ir-rikorrenti issottometew li fit-test soggettiv il-pern ta' l-analizi hija illi l-gudikant ikun ihaddan xi bias, jew pregudizzju kontra l-parti, jew li jkun gja espona opinjoni fil-konfront tieghu. Izda minn naha l-ohra it-test oggettiv ma jinnecessitax tali pregudizzju, izda jikkunsidra l-apparenza li t-tribunal ikun ta fit-twettieq tal-proceduri. Huma issottomettew illi l-ilment illi qeghdin iressqu f'dan ir-rigward ma humiex jallegaw imparzjalita suggettiva izda imparzjalita oggettiva. Ir-rikorrenti Carmelo sive Charles Ellul Sullivan u Andrew Ellul Sullivan issottomettew illi fil-proceduri decizi bid-digriet tat-22 ta' Awissu, 2008 l-imhallef sedenti ezercita diskrezzjoni jew gudizzju ghaliex semgha it-trattazzjoni tal-partijiet li kienet tinkludi sottomissjonijiet procedurali u sostentivi u esprima l-gudizzju tieghu f'dan ir-rigward. B'hekk dawn ma kienux proceduri li jinkludu biss ezercizzju matematiku, izda nnecessitaw ukoll ezercizzju ta' diskrezzjoni u gudizzju.

Illi l-intimati jikkontendu illi meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ikkonvertit il-multa f'terminu ta' prigunerija bl-ebda mod ma kienet qeghda tiddeciedi dwar il-htija tar-rikorrenti; liema htija kienet effettivament instabet mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-20 ta' Marzu, 2003 u ikkristilizzata mill-Qorti Kostituzzjonali bid-decizjoni taghha tat-18 ta' Gunju, 2008, fejn l-istess Qorti Kostituzzjonali ma sabet l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fis-sentenza tal-20 ta' Marzu, 2003. L-intimati jikkontendu illi l-proceduri sabiex multi jigu ikkonvertiti f'terminu ta' prigunerija ma jinvolvux determinazzjoni ta' htija izda huma semplicement ezercizzju fattwali fis-sens illi una volta jigi accertat illi l-multa imposta minn Qorti ta' gudikatura kriminali tkun effettivament baqghet ma thallsitx, l-multa tigi ikkonvertita fi prigunerija ai termini tal-Kodici Kriminali u il-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi fl-ebda stadju ma tippronunzja ruhha dwar il-mertu ta' l-akkuzi migjuba originarjament kontra r-

rikorrenti. L-intimati jikkontendu illi f'dan il-kaz il-Qorti kull ma taccerta huwa l-fatt tan-nuqqas ta' hlas.

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti m'humiex qeghdin jinvokaw l-imparzjalita' soggettiva izda imparzjalita oggettiva.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti tara illi t-test oggettiv jaqbel mad-dutrina fil-Ligi Ingliza illi "justice must not only be done must also be seen to be done" u f'dan il-kuntest il-Qorti Ewropeja fi Strasbourg tenfasizza l-importanza tal-apparenzi (Vide Sramek v Austria (A 84, (1984) paragraph 42; 7 EHRR 351).

Illi l-Qorti Ewropeja qalet hekk :
"What is at stake is the confidence which the courts in a democtratic society must inspire in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned in the accused." Fey vs Austria A 255 – A (1993); 6 EHRR 387 para 30.

Il-Qorti qalet illi "in applying the objective test the opinion of the party to the case who is alleging partiality is important but not decisive. What is crucial is whether the doubt as to impartiality can be objectively justified." (Vide Hauschildt vs Denmark A 154 (1989); 12 EHRR 266 para 48).

Il-Qorti qalet ukoll "if there is a legitimate doubt as to a Judge's impartiality, he must withdraw from the case." Vide Hauschildt vs Denmark 1989.

Illi l-Qorti ta' Strasbourg applikat it-test oggettiv f'diversi kawzi fejn l-Imhallef f'Qorti Kriminali kien diga ha sehem fil-proceduri fil-"pretrial stage" u il-Qorti iddikjarat "the mere fact that a judge has also made pre-trial decisions in the case cannot be taken as in itself justifying fears as to his impartiality……….. What matters is the extent and nature of those decisions." (Vide Fey vs Austria A 255 – A (1993); 6 EHRR 387 para 30).

Ikkunsidrat :

Illi ghalhekk il-Qorti ta’ Strasbourg ghamlet hafna enfazi “on the extent and the nature of those decisions.” (Vide Fey vs Austria fuq citata).

Fis-sentenza Sainte-Marie vs France A 253 – A (1992) il-Qorti ta’ Strasbourg qalet hekk :
“the mere fact that such a judge has already taken pre-trial decisions in the case, including decisions relating to detention on remand, cannot in itself justify fears as to his impartiality.”

Ikkunsidrat :

Illi fil-kaz odjern l-Imhallef kien verament ippartecipa fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti meta kien jahdem fl-ufficju tal-Avukat Generali, izda fid-digriet tieghu huwa ma iddecidiex dwar il-htija o meno tar-rikorrenti. Kull ma ghamel fid-digriet tieghu tat-22 ta’ Awissu, 2008 kien illi, una volta stabilixxa illi r-rikorrenti ma kienux hallsu il-multi imposti fuqhom mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, ikkonverta il-multa fi prigunerija ai termini tal-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u ai termini tal-Kodici Kriminali u ghalhekk il-Qorti tara illi f’dan il-kaz it-test oggettiv gie wkoll issodisfat u ghalhekk ma jirrizulta l-ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet fundamentali tal-Bniedem fil-konfront tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat :

Illi t-tielet ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens illi huma qieghdin jiskontaw piena ta’ prigunerija minghajr l-ebda possibilita ta’ tnaqqis minhabba fix-xoghol li ghamlu u l-imgieba taghhom waqt li jkunu qed jiskontaw din il-piena u dana peress illi d-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin qieghed jikkontendi illi r-regolament 14 tal-Avviz Legali 118/95 intitolat Regolamenti tal-Habs mhuwiex applikabbli ghall-kaz ta’ persuni li jkunu qeghdin jiskontaw piena ta’ prigunerija wara li il-multa fuqhom inflitta tkun giet inkonvertita fi prigunerija u illi b’konsegwenza ta’ dan ir-rikorrenti qieghdin isofru diskriminazzjoni mhux skond il-

Ligi fid-tgawdija ta' wiehed mid-drittijiet fundamentali taghhom u cioe' dak tal-liberta tal-persuna u dan qieghed isir bi vjolazzjoni tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Ikkundsidrat :

Illi kif dejjem gie ritenut, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma ghandux ezistenza separata izda irid dejjem jigi ezaminat flimkien mad-disposizzjonijiet li jiggarantixxu it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni (Vide Airey vs Ireland tad-9 ta' Ottubru 1979, A 32, pagna 16) fejn gie deciz illi mhux kull distinzjoni necessarjament tammonta ghal diskriminazzjoni fis-sens tal-imsemmi Artikolu 14. Illi fi kliem il-Qorti Ewropeja fil-kaz ***Spadea and Scalabrino vs Italy*** (28 ta' Settembru, 1995, A. 315-B, pagna 28):

"Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in relevantly 'similar' situations are treated differenty. For a claim of violation of this Article to succeed it has therefore to be established, inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated."

Ikkunsidrat :

Ili jidher illi gie stabbilit li "a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect

for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court" (Vide il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 2008 fil-kawza fl-ismijiet Kafkaris vs Cipru, Applikazzjoni numru 21906/04 § 161 fejn persuna ikkundannata għal għomorha l-ħabs ma ngħatatx maħfra Presidenzjali bħal uħud oħrajn li kellhom l-istess kundanna u ngħatatilhom maħfra).

Illi fil-kawza fl-ismijiet fl-ismijiet Darby vs Svezja deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-23 ta' Ottubru, 1990 (Applikazzjoni numru 11581/85 § 31) gie deciz li f'każijiet ta' ilment taht l-Artikolu 14, jaqa' fuq il-persuna li tallega l-agir diskriminatorju kontra taghha li turi liema huwa dak l-artikolu tal-Konvenzjoni li fl-ambitu tieghu tkun sehhet dik id-diskriminazzjoni. Tali persuna tkun trid turi wkoll kif imiss li hija qieghda tingħata trattament differenti (aghar) minn dak li persuni ohra fil-qaghda taghha qeghdin jinghataw. La jsir dan, imbaghad, jaqa' fuq l-Istat li juri li tezisti raguni oggettiva u ragonevoli ghaliex qieghed jinghata dak it-trattament differenti.

Ikkunsidrat :

Illi fil-kaz odjern irrizulta mix-xhieda moghtija minn PS 1211 Richard Zammit illi persuni illi jidhlu l-habs peress illi ma ikunux hallsu multa jistghu johorgu qabel it-terminu impost mill-Qorti peress illi il-Ligi taghtihom dik il-fakulta illi jhallsu il-multa u ghalhekk ikunu jistghu johorgu immedjatament mill-habs, haga li ma jistghux jaghmluha prigunieri illi jkunu qed jiskontaw sentenza wara li jkunu gew misjuba hatja ta' reat.

Illi PS 1211 Richard Zammit xehed illi huma dejjem imxew b'dan il-mod u cioe' li ma jaghtux remission f'kaz ta'

persuni li jkunu qeghdin il-habs peress illi ma jkunux hallsu il-multa u ghalhekk il-multa tkun giet ikkonvertita f'terminu ta' prigunerija.

Illi ghalhekk fil-kaz odjern ma hemmx paragun ta' "like with like" peress illi il-paragun mhuwiex bejn l-istess tip ta' karcerati.

Illi ghalhekk ma tirrizultax diskriminazzjoni peress illi huma zewg sitwazzjonijiet kompletament differenti li qeghdin jigu ittrattati b'mod differenti.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi ir-rikors kostituzzjonali bil-mod kif gej : Billi tiddikjara li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti tal-Artikoli 5, 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u ghaldaqstant qeghda tichad it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors taghhom;

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------